



Brussell, 21 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13188/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0189(NLE)

SCH-EVAL 177
MIGR 172
COMIX 475

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13186/19
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal- Litwanja fir-rigward tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettaq evalwazzjoni tal-Litwanja fir-rigward tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn, fl-2018.
2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Litwanja tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mar-ritorn.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fl-10 ta' Ottubru 2019.
 4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 13186/19, bħala punt 'A' f'waħda mil-laqgħat li jmiss.
-